**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors Nru : 32/16 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat C B fil-Knisja ta' 'Saint Patrick's' f'Tas-Sliema fit-Tletin (30) ta' April tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (1995) skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A' ;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) minn Nutar Mario Rosario Bonello skont kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'B' ;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied : W B fil-hamsa (5) ta’ Ottubru elf disa mija sebgha u disghin (1997) u R B fis-sittax (16) ta’ Novembru elfejn u wiehed (2001) ;

Illi l-possibilita ta’ rikonciljazzjoni ma zewgha giet diskussa ma l-Avukat sottoskritta u inghatat mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn l-mizzewgin skont dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok ‘C’, izda l-esponenti esprimiet ruhha fin-negattiv ;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin skont l-artikolu hamsa (5) tal-kuntratt ta’ separazzjoni surreferit ;

Illi ghaddew erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma C B hu mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b’hekk l-istess divorzju ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok ‘A’;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar, 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Mejju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.